

31993R0095

22.1.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 14/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 95/93**tat-18 ta' Jannar 1993****dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 84(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi hemm żbilanċ dejjem jikber bejn l-espansjoni tas-sistema ta' trasport bl-ajru fl-Ewropa u d-disponibbiltà ta' l-infrastruttura adegwata tal-ajruporti biex tlaħħaq ma' dik id-domanda; billi hemm, bħala riżultat, numru dejjem jikber ta' ajruporti b'konġestjoni fil-Komunità;

Billi l-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti b'konġestjoni għandha tkun ibbażata fuq regoli newtrali, trasparenti u mhux diskriminatorji;

Billi l-ħtieġa ta' newtralità hija l-aħjar iggarantita meta d-deċiżjoni biex jiġi kkoordinat ajruport tittieħed mill-Istat Membru responsabbli għal dak l-ajruport fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi;

Billi permezz ta' ċerti kundizzjonijiet, sabiex ikunu ffaċilitati l-operazzjonijiet, hu mixtieq li Stat Membru jkun kapaċi jinnomina ajruport bħala kkoordinat basta li l-prinċipji ta' trasparenza, newtralità u non-diskriminazzjoni jkunu osservati;

Billi l-Istat Membru responsabbli għall-ajruport ikkoordinat għandu jassigura n-nomina ta' koordinatur li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar in-newtralità tiegħu;

Billi t-trasparenza ta' l-informazzjoni hi element essenzjali biex tiġi assigurata proċedura oġġettiva għall-allokazzjoni ta' slots;

Billi l-prinċipji li jirregolaw is-sistema eżistenti ta' allokazzjoni ta' slots tista' tkun il-bażi ta' dan ir-Regolament sakemm din is-sistema tevolve f'armonija ma' l-evoluzzjoni ta' żviluppi ta' trasport għdid fil-Komunità;

Billi hija l-politika tal-Komunità li tiġi ffaċilitata l-kompetizzjoni u li jkun inkoraġġit dħul fis-suq, kif inhu pprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għal daww li jagħmlu l-ġarr bl-ajru tal-Komunità frotot ta' l-ajru ġewwa l-Komunità ⁽⁴⁾, u billi dawn l-oġġettivi jeħtieġu appoġġ qawwi għall-daww li jagħmlu l-ġarr li jkunu beħsiebhom jibdew operazzjonijiet fuq rotot ġewwa l-Komunità;

Billi s-sistema eżistenti tagħmel dispożizzjoni għal drittijiet sopra-paternali;

Billi għandu ukoll ikun hemm dispożizzjonijiet li jippermettu applikanti ġodda fis-suq tal-Komunità;

Billi hu meħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet speċjali, permezz ta' ċirkostanzi llimitati, għall-manutenzjoni ta' servizzi ta' l-ajru domestiċi adegwati għal reġjuni tal-Istat Membru kkonċernat;

Billi hu ukoll meħtieġ li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn, minħabba nuqqas ta' slots disponibbli, il-benefiċċji ta' liberalizzazzjoni jkunu mqassma b'mod mhux ekwu u l-kompetizzjoni ma tkunx kif suppost;

Billi hu mixtieq li jsir l-aħjar użu mis-slots eżistenti sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti hawn fuq;

Billi hu mixtieq li pajjiżi mhux membri joffru lill-daww tal-Komunità li jagħmlu l-ġarr trattament ugwali;

Billi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 85 u 86;

Billi arranġamenti għal akbar kooperazzjoni dwar l-użu ta' l-ajruport ta' Ġibiltà kienu miftiehma f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987 mir-Renju ta' Spanja u mir-Renju Unit f'dikjarazzjoni konġunta mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin taż-żewġ pajjiżi, u daww l-arranġamenti għadhom iridu jidħlu fis-seħħ;

⁽¹⁾ ĠU C 43, tad-19.2.1991, p. 3.

⁽²⁾ ĠU C 13, ta' l-20.1.1992, p. 446.

⁽³⁾ ĠU C 339, tal-31.12.1991, p. 41.

⁽⁴⁾ ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 8.

Billi dan ir-Regolament għandu jkun irrivedut wara perjodu stabbilit ta' operazzjoni biex jevalwa t-tħaddim tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità.

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hi mifhuma li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit għar-rigward il-kwistjoni dwar is-sovranità fuq it-territorju ta' fejn jinstab l-ajruport.

3. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà għandha tkun sospiża sakemm l-arranġamenti fid-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987 ikunu daħlu fis-seħħ. Il-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit għandhom jinfurmaw lill-Kunsill b'din id-data.

L-Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) "slot" tfisser il-ħin skedat għal wasliet u tluq disponibbli jew allokati għall-moviment ta' ajruplan f'data speċifika f'ajruport ikkoordinat skond it-termini ta' dan ir-Regolament;
- (b) "applikant ġdid" tfisser:
 - (i) dak li jagħmel il-ġarr bl-ajru li jitlob slots f'ajruport f'xi jum u li jkollu jew li jkunu ġew allokati lilu inqas minn erba' slots f'dak l-ajruport f'dak il-jum, jew,
 - (ii) trasportatur bl-ajru li jkun qed jitlob slots għal servizz bla waqfien bejn żewġ ajruporti tal-Komunità meta mill-inqas tnejn oħra mit-trasportaturi bl-ajru joperaw servizz dirett bejn dawn l-ajruporti jew sistemi ta' ajruporti f'dak il-jum u li jkollhom jew ikunu ġew allokati inqas minn erba' slots f'dak l-ajruport f'dak il-jum għal dak is-servizz bla waqfien.

Trasportatur bl-ajru li jkollu aktar minn 3% tas-slots kollha disponibbli fil-jum f'dak il-każ f'ajruport partikolari, jew aktar minn 2% tas-slots kollha disponibbli fil-jum f'dak il-każ f'sistema ta' ajruport li dwarha dak l-ajruport jiffirma parti, m'għandux ikun meqjus bħala applikant ġdid f'dak l-ajruport;

- (ċ) "servizz bl-ajru dirett" tfisser servizz bejn żewġ ajruporti inklużi waqfien waqt ir-rotta bl-istess ajruplan u bl-istess numru tat-titjira;
- (d) "perjodu ta' skedar" tfisser jew l-istaġun tas-sajf jew tax-xitwa kif użat fl-iskedi ta' trasportaturi bl-ajru;
- (e) "trasportatur bl-ajru Komunitarju" tfisser trasportatur bl-ajru li jkollu liċenzja għall-operar valida maħruġa minn Stat Membru skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' trasportaturi bl-ajru ⁽¹⁾;
- (f) "ajruport ikkoordinat" tfisser ajruport fejn koordinatur ikun ġie maħtur biex jiffaċilita l-operazzjonijiet ta' trasportaturi bl-ajru li joperaw jew beħsiebhom joperaw f'dak l-ajruport;
- (g) "ajruport ikkoordinat bis-sħiħ" tfisser ajruport ikkoordinat fejn, sabiex jillandja jew itir, matul il-perjodi li fihom ikun ikkoordinat bis-sħiħ, ikun meħtieġ għal trasportatur bl-ajru li jkollu slot allokati minn koordinatur;
- (h) "sistema ta' ajruport" tfisser żewġ ajruporti jew aktar iggruppati flimkien biex iservu l-istess belt jew konurbazzjoni, kif indikat fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92.

L-Artikolu 3

Kondizzjonijiet għal koordinament ta' ajruport

1. Stat Membru m'għandu jkun taħt l-ebda obligazzjoni li jagħmel xi ajruport bħala kkoordinat ħlief skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.
2. Stat Membru jista', iżda, jipprovi għal kull ajruport li jkun magħżul bħala ajruport ikkoordinat sakemm il-prinċipji ta' trasparenza, newtralità u non-diskriminazzjoni jkunu osservati.
3. (i) Meta trasportaturi bl-ajru li jirrappreżentaw aktar minn nofs ta' l-operazzjonijiet f'ajruport u/jew l-awtorità tal-ajruport jikkunsidraw li l-kapaċità ma tkunx biżżejjed għal operazzjonijiet attwali jew ippjanati f'ċerti perijodi jew
 - (ii) meta applikanti ġodda jiltaqqu ma' diffikultajiet serji meta jiġu biex jagħmlu slots jew
 - (iii) meta Stat Membru jikkonsidra li jkun meħtieġ,

l-Istat Membru għandu jassigura li ssir analiżi profonda tal-kapaċità, meta wieħed jikkonsidra metodi rikonoxxuti b'mod komuni, malajr kemm jista' jkun fl-ajruport bil-għan li jiġu ddeterminati l-possibbiltajiet li tiżdied il-kapaċità f'perjodu f'termini fil-qasir permezz ta' tibdiliet infrastrutturali jew operazzjonali, u sabiex jiġi ddeterminat fil-qafas taż-żmien previst sabiex jiġu riżolti l-problemi. L-analiżi għandha tkun aġġornata perjodikament. Kemm l-analiżi u l-metodu li permezz tiegħu issir għandhom ikunu magħmula disponibbli lejn il-partijiet interessati.

⁽¹⁾ ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 1.

4. Jekk, wara konsultazzjoni ma' trasportaturi bl-ajru li jużaw l-ajruport regolament, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-awtoritajiet ta' l-ajruport, awtoritajiet tal-kontroll tat-traffiku bl-ajru u organizzazzjonijiet tal-passiġġieri fejn daww l-organizzazzjonijiet jeżistu, l-analiżi ma tindikax possibiltajiet li jiġu riżolti problemi serji f'qasir żmien, l-Istat Membru għandu jassigura li l-ajruport ikun innominat bħala kkoordinat bis-sħiħ għall-perjodi li matulhom jinħolqu problemi ta' kapacià.

5. Meta kapacià biżżejjed biex tagħmel operazzjonijiet attwali jew ipplanati tkun ipprovduta f'ajruport ikkoordinat bis-sħiħ, in-nominazzjoni tiegħu bħala ajruport *fully coordinated* għandha titneħħa.

L-Artikolu 4

Il-koordinatur

1. L-Istat Membru responsabbli għal ajruport ikkoordinat jew ikkoordinat bis-sħiħ għandu jassigura il-ħatra ta' persuna naturali jew legali b'taġhrif iddetaljat ta' koordinament ta' skedar ta' trasportaturi bl-ajru bħala koordinatur ta' l-ajruport wara li jkun ikkonsulta lit-trasportaturi bl-ajru li jużaw l-ajruport regolament, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u l-awtoritajiet ta' l-ajruport. L-istess koordinatur jista' jinħatar għal aktar minn ajruport wieħed.

2. Stat Membru għandu jassigura li l-koordinatur jagħmel id-dmirijiet skond dan ir-Regolament b'mod indipendenti.

3. Il-koordinatur għandu jaġixxi skond dan ir-Regolament b'mod newtrali, mhux diskriminatorju u trasparenti.

4. Il-koordinatur għandu jipparteċipa f'dawk il-konferenzi ta' skedar internazzjonali ta' trasportaturi bl-ajru li jkunu permisibbli bil-liġi tal-Komunità.

5. Il-koordinatur għandu jkun responsabbli għall-allokazzjoni ta' slots.

6. Il-koordinatur għandu jissorvelja l-użu ta' slots.

7. Meta slots ikunu allokat, il-koordinatur għandu, fuq talba u fi żmien raġonevoli, jagħmel disponibbli għal reviżjoni lejn il-partijiet kollha interessati l-informazzjoni li ġejja:

- (a) slots storiċi bil-linja ta' l-ajru, b'mod kronoloġiku, għal daww it-trasportaturi bl-ajru kollha fl-ajruport,
- (b) slots mitluba (sottomissjonijiet inizjali), minn daww it-trasportaturi bl-ajru kollha u b'mod kronoloġiku, għal daww it-trasportaturi bl-ajru kollha,
- (c) is-slots kollha allokat, u talbiet ta' slots pendenti, elenkati individwalment f'ordni kronoloġika, minn trasportaturi bl-ajru, għal daww it-trasportaturi bl-ajru kollha,

(d) slots disponibbli li jkun fadal,

(e) dettalji sħaħ dwar il-kriterji użati fl-allokazzjoni.

8. L-informazzjoni fil-paragrafu 7 għandha tkun magħmula disponibbli mill-inqas fil-ħin tal-konferenzi ta' l-iskedar rilevanti u kif xieraq matul il-konferenzi u minn hemm 'il qudiem.

L-Artikolu 5

Kumitat ta' koordinament

1. Stat Membru għandu jassigura li f'ajruport li jkun ġie magħżul bħala li huwa kkoordinat bis-sħiħ li kumitat ta' koordinament ikun stabbilit biex jassisti, f'kapacià konsultattiva, lill-koordinatur li hemm referenza għalih fl-Artikolu 4. Parteċipazzjoni f'dan il-kumitat għandha tkun miftuħa għal mill-inqas, it-trasportaturi bl-ajru u/jew l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom li regolament jużaw l-ajruport(i), l-awtoritajiet ta' l-ajruport ikkonċernati u r-rappreżentanti ta' l-air traffic control. L-istess kumitat ta' koordinament jista' jinħatar għal aktar minn ajruport wieħed.

Ix-xogħol tal-kumitat ta' koordinament hu, *inter alia*, li jagħti parir dwar:

- possibiltajiet biex tiżdied il-kapacià iddeterminata bi qbil ma' l-Artikolu 6,
- titjib f'kundizzjonijiet tat-traffiku li jkun jinsab fl-ajruport inkwistjoni,
- ilmenti dwar l-allokazzjoni ta' slots kif ipprovdut fl-Artikolu 8(7),
- il-metodi ta' sorveljar fl-użu ta' slots allokat,
- linji gwida biex jiġu allokat slots, meta wieħed jikkunsidra kundizzjonijiet lokali,
- problemi serji għal applikanti ġodda kif ipprovdut fl-Artikolu 10.

2. Il-paragrafu 1 jista' jiġi applikat għal ajurporti magħżula bħala kkoordinati permezz tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3.

L-Artikolu 6

Kapacià ta' l-ajruport

1. F'ajruport fejn issir allokazzjoni ta' slot, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-kapacià disponibbli għall-allokazzjoni ta' slots darbtejn fis-sena b'kooperazzjoni ma' rappreżentanti ta' l-air traffic control, awtoritajiet tad-dwana u ta' l-immigrazzjoni u trasportaturi bl-ajru li jużaw l-ajruport u/jew l-organizzazzjonijiet rappreżentanti tagħhom u l-koordinatur ta' l-ajruport, skond il-metodi li jkunu rrikonoxxuti b'mod komuni. Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx l-awtorità ta' l-ajruport din għandha tkun ikkonsultata ukoll.

Dan l-eżerċizzju għandu jkun ibbażat fuq analiżi oġġettiva tal-possibiltajiet li jkun akkomodat it-traffiku ta' l-ajru, meta jittieħed akkont tat-tipi differenti ta' traffiku f'dak l-ajruport.

Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju għandhom ikunu pprovduti lill-koordinatur ta' l-ajruport fi żmien xieraq qabel ma ssir l-allo-kazzjoni inizjali tas-slot għall-finijiet ta' konferenzi ta' skedar.

2. Il-paragrafu 1 jista' jiġi applikat għal ajruporti magħżula bħala kkoordinati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3.

L-Artikolu 7

Informazzjoni għall-koordinatur

Trasportaturi bl-ajru li joperaw jew li beħsiebhom joperaw fajruport ikkoordinat jew ikkoordinat bis-sħiħ għandhom jippreżentaw lill-koordinatur l-informazzjoni rilevanti mitluba mill-koordinatur.

L-Artikolu 8

Proċess ta' allokazżjoni ta' slots

1. (a) Suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10, *slot* li jkun ġie operat minn trasportatur bl-ajru kif rilaxxat mill-koordinatur għandu jintitola lil dak it-trasportatur bl-ajru li jitlob l-istess *slot* fl-ewwel perjodu ta' skedar ekwivalenti.

(b) F'sitwazzjoni fejn it-talbiet kollha għal *slots* ma jistgħux ikunu akkomodati għas-sodisfazzjon ta' trasportaturi bl-ajru kkonċernati, għandha tingħata preferenza lis-servizzi tal-ajru kummerċjali u b'mod partikolari lis-servizzi skedati u servizzi pprogrammati mhux skedati.

(ċ) Il-koordinatur għandu ukoll jieħu akkont tar-regoli ta' prijorità stabbiliti mill-industrija ta' trasportaturi bl-ajru u jekk possibbli linji gwida addizzjonali rrakkomandati mill-kumitat ta' koordinament li jagħtu lok għal kundizzjonijiet lokali, sakemm daww il-linji gwida jirrispettaw il-liġi tal-Komunità.

2. Jekk *slot* mitlub ma jistax ikun akkomodat, il-koordinatur għandu jinforma lit-trasportatur bl-ajru li jagħmel it-talba bir-*raġunijiet* għala dan u għandu jindika l-eqreb *slot* alternattiv.

3. Il-koordinatur għandu, f'kull ħin, ifittex li jakkomoda talbiet *ad hoc* għal *slots* ta' kull tip ta' avjazzjoni inkluża l-avjazzjoni ġenerali. Għal dan il-għan, l-*slots* disponibbli fil-*ġabra* imsemmija fl-Artikolu 10 imma li jkunu għadhom mhux allokata jistagħu jintużaw, kif ukoll *slots* rilaxxati b'avviż qasir.

4. *Slots* jistgħu ikunu mibdula liberament bejn trasportaturi bl-ajru jew ittrasferiti minn trasportatur bl-ajru minn rotta, jew tip ta' servizz, għal rotta oħra, bi ftehim reċiproku jew bħala

riżultat ta' akkwist totali jew parzjali jew unilateralment. Dawn it-tibdiliet jew trasferimenti għandhom ikunu trasparenti u suġġetti għal konferma tal-prattiċità mill-koordinatur li:

- (a) operazzjonijiet ta' l-ajruport mhumieq sejin ikunu ppreġudikati;
- (b) limitazzjonijiet imposti minn Stat Membru skond l-Artikolu 9 ikunu rrispettati;
- (ċ) bidla fl-użu ma tinkwadrazz fl-għan ta' l-Artikolu 11.

5. *Slots* allokat li lil applikanti ġodda li joperaw servizz bejn żewġ ajruporti tal-Komunità ma jistgħux ikunu mibdula jew trasferiti bejn trasportaturi bl-ajru jew minn trasportatur bl-ajru minn rotta għall-oħra kif ipprovdut fil-paragrafu 4 għal perjodu ta' żewġ staġuni.

6. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, wara konsultazzjonijiet ma trasportaturi bl-ajru, mal-koordinaturi, u ma' l-awtoritajiet ta' l-ajruport, standards rakkomandati għas-sistemi awtomatizzati li huma użati mill-koordinaturi sabiex jassiguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' l-Artikoli 4 u 7.

7. Meta jkun hemm ilmenti dwar l-allokazżjoni ta' *slots*, il-kumitat ta' koordinament għandu jikkonsidra l-materja u jista' jagħmel propositi lejn il-koordinatur f'attentat biex jirrisolvi l-problemi.

8. Jekk il-problemi ma jistgħux jiġu riżolti wara konsiderazzjoni mill-kumitat ta' koordinament, l-Istat Membru interessat jista' jagħmel provvediment għal medjazzjoni mill-organizzazzjoni rappreżentattiva ta' trasportaturi bl-ajru jew minn terza persuna oħra.

L-Artikolu 9

Servizzi reġjonali

1. Stat Membru jista' jirriserva ċerti *slots* fajruport li huwa kkoordinat bis-sħiħ għal servizzi skedati domestiċi:

(a) fuq rotta lejn ajruport li jkun iservi reġjun periferali jew ta' żvilupp fit-territorju tiegħu, meta dik ir-rotta tkun ikkunsidrata vitali għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun li fih l-ajruport ikun lokalizzat, bil-kondizzjoni li:

(i) s-*slots* ikkonċernati jkunu qegħdin jiġu użati fuq dik ir-rotta fil-ħin tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(ii) trasportatur ikun jopera fuq ir-rotta;

(iii) l-ebda metodu ieħor ta' trasport ma jista' jipprovd i servizz adegwat;

(iv) ir-riserva ta' *slots* għandha tieqaf meta t-tieni trasportatur bl-ajru ikun stabbilixxa servizz skedat domestiku fuq ir-rotta bl-istess numru ta' frekwenzi bħall-ewwel trasportatur bl-ajru u jkun operah għal mill-inqas staġun;

(b) fuq rotta meta l-obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku jkunu ġew imposti permezz tal-leġislazzjoni tal-Komunità.

2. Il-proċeduri fl-Artikolu 4(1)(d) sa 4(1)(i) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92 għandhom ikunu applikati jekk trasportatur bl-ajru Komunitarju ieħor ikun interessat li jservi r-rotta u ma jkunx irnexxielu jakkwista slots fi żmien siegħa qabel jew wara l-ħinijiet mitluba mingħand il-koordinatur.

3. L-Istat Membru għandu jikkomunika lejn il-Kummissjoni lista ta' rotot li dwarhom slots ikunu ġew irriservati fajruport ikkoordinat bis-sħiħ. Dan għandu jsir l-ewwel mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippubblika studju ġenerali tar-rotot ikkonċernati fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mhux aktar tard minn xahrejn wara l-komunikazzjoni.

L-Artikolu 10

Ġemgħa ta' slots

1. Fajruport fejn issir allokkazzjoni ta' slot, għandu jistabbilixxi ġemgħa għal kull perjodu kkoordinat u għandu jkollu slots maħluqa ġodda, slots mhux użati u slots li jkunu ġew ċeduti minn trasportaturi bl-ajru matul, jew sa l-aħħar ta', l-istaġun jew li b'mod ieħor ikunu saru disponibbli.

2. Kull slot mhux utilizzat għandu jkun irtirat u mitfugħ fil-ġabra ta' slots kif xieraq sakemm in-nuqqas ta' l-utilizzazzjoni jista' jkun iġġustifikat permezz tar-raġunijiet ta' l-atterrar ta' tip ta' ajruplan, jew l-għeluq ta' ajruport jew l-spazju ta' l-ajru jew xi każ simili eċċezzjonali ieħor.

3. Slots li jkunu allokatilil trasportaturi bl-ajru għat-tħaddim ta' servizz skedat jew servizz ipprogrammat mhux skedat f'mument partikolari ta' xi jum u għall-istess jum tal-ġemgħa fuq perjodu rikonoxxibbli sa perjodu wieħed ta' skedar ma jintitolawx li trasportatur bl-ajru għall-istess serje ta' slots fil-perjodu ekwivalenti li jmiss, sakemm trasportatur bl-ajru ikun jista' juri għas-sodisfazzjon tal-koordinatur li dan ikun ġie operat, kif indikat mill-koordinatur, minn trasportatur bl-ajru għal mill-inqas 80 % tal-ħin matul il-perjodu li fih dawn ikunu ġew allokatil.

4. Slots allokatilil trasportaturi bl-ajru qabel il-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jmiss, jew qabel il-31 ta' Awissu ta' l-istaġun tax-xitwa ta' wara, iżda li jkunu rilaxxati lejn il-koordinatur għal riallokazzjoni qabel daww id-dati m'għandhomx jiġu kkunsidrati għall-finijiet tal-kalkulazzjoni dwar l-użu.

5. Jekk l-użu ta' 80 % tas-serje ta' slots ma jstax ikun muri, is-slots kollha li jikkostitwixxu dak is-serje għandhom ikunu mpoġġija fil-ġemgħa ta' slots, sakemm dak in-nuqqas ta' utilizzazzjoni jkun jista' jiġi iġġustifikat abbażi ta' xi wieħed mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) każijiet mhux prevedibbli u irrisistibbli barra mill-kontroll ta' trasportaturi bl-ajru li jwasslu għal per eżempju:

- atterrar tat-tip ta' ajruplan użat ġeneralment għas-servizz inkwistjoni, jew
- għeluq ta' ajruport jew spazju ta' l-ajru;

(b) problemi dwar il-bidu ta' servizz ta' passiġġieri skedat ġdid b'ajruplan li ma jkollux aktar minn tmenin siġġu fuq rotta bejn ajruport reġjonali u l-ajruport ikkoordinat u fejn il-kapaċità ma teċċedix 30 000 siġġu kull sena, jew

(c) dannu finanzjarju serju għal daww interessati li jitrasportaw bl-ajru tal-Komunità, li, bħala riżultat, l-għoti ta' liċenzja temporanja mill-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji sakemm issir riorganizzazzjoni finanzjarja ta' trasportatur bl-ajru bi qbil ma l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2407/92;

(d) interruzzjoni ta' serje ta' servizzi mhux skedati minħabba kanċellazzjonijiet minn operaturi ta' vjaġġi, b'mod partikolari barra mill-perjodu ewlieni tas-soltu, sakemm l-użu tas-slots b'mod ġenerali ma jinżilx inqas mis-70 %;

(e) interruzzjoni ta' serje ta' servizzi minħabba azzjoni maħsuba li taffettwa daww is-servizzi, li tagħmilha Prattikament u/jew teknikament impossibbli għal trasportatur bl-ajru li jagħmel l-operazzjonijiet kif ipplanati.

6. Jekk problemi serji jkomplu jeżistu għal applikanti ġodda, l-Istat Membru għandu jassigura li tissejjaħ laqgħa tal-kumitat ta' koordinament tal-ajruport. L-għan tal-laqgħa għandu jkun li jiġu eżaminati l-possibilitajiet biex tkun irrimedjata s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna għal dik il-laqgħa.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92, slots impoġġija f'ġemgħat għandhom ikunu ddistribwiti bejn trasportaturi applikanti. 50 % ta' dawn is-slots għandhom ikunu allokatilil applikanti ġodda sakemm talbiet minn applikanti ġodda jkunu anqas minn 50 %.

8. Applikant ġdid li jkun ġie offrut slots fi żmien sagħtejn qabel jew wara l-ħin mitlub iżda li ma jkunx aċċetta din l-offerta m'għandux iżomm l-istatus ta' applikant ġdid.

L-Artikolu 11

Mekkaniżmu ta' salvagwardja

1. Meta ma tistax tinstab soluzzjoni skond il-paragrafu 2 u meta wieħed jikkunsidra li l-kompetizzjoni bejn trasportaturi bl-ajru li huma interessati m'għandhiex tiġi mxejjla, trasportatur bl-ajru m'għandux jitħalla li juża l-flessibilità pprovduta fl-Artikolu 8(4) għall-finijiet li jiġu introdotti wieħed jew aktar frekwenzi fuq rotta bejn ajruport ikkoordinat bis-sħiħ għewwa l-Komunità u ajruport fi Stat Membru ieħor, jekk trasportatur bl-ajru ieħor tal-Komunità, illiċenzjat minn Stat Membru ieħor, ma jkunx kapaċi, minkejja sforzi serji u konsistenti, li jakkwista slots għal attergġ u tluq li jistgħu jiġu użati b'mod raġonevoli biex jiġu pprovduti wieħed jew aktar frekwenzi fuq ir-rotta fi żmien sagħtejn qabel jew wara l-ħinijiet mitluba mill-koordinatur.

Din id-dispożizzjoni ma tapplikax jekk it-trasportatur bl-ajru li juża l-flessibilità pprovduta fl-Artikolu 8(4) ma jeċċedix il-frekwenzi ta' trasportatur ieħor.

2. Meta jittieħed akkont li l-kompetizzjoni bejn trasportaturi bl-ajru kkonċernati m'għandhiex tiġi mxejnkla, l-Istati Membri responsabbli għall-ajruport ikkoordinat bis-siġh imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jagħmlu minn kollox biex jiffaċilitaw ftehim bejn trasportaturi bl-ajru interessati.

Soluzzjoni alternattiva għall-problema għandha tiġi mfittxija bħal ma:

- sforzi biex jiġi assigurat li t-talba għal *slots* minn trasportatur bl-ajru illiċenzjat minn Stat Membru ieħor tkun akkomodata,
- l-użu raġonevoli minn trasportatur tal-flessibilità li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 8(4).

3. Stat Membru interessat jista' jitolb lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu fi żmien xahrejn minn meta dak li jgħorr bl-ajru jinforma lill-koordinatur bl-intenzjoni tiegħu li juża l-flessibilità li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 8(4).

L-Artikolu 12

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Kull meta jidher li pajjiż mhux membru, għar-rigward ta' l-allokazzjoni ta' *slots* f'ajruporti,

- (a) ma jagħtix lil trasportaturi bl-ajru tal-Komunità trattament komparabbli għal dak mogħti minn Stati Membri lil trasportaturi bl-ajru minn dak il-pajjiż, jew
- (b) ma jagħtix lil trasportaturi bl-ajru tal-Komunità *de facto* trattament nazzjonali, jew
- (ċ) jagħtli lil trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi oħra mhux membri trattament aktar favorevoli milli lil trasportaturi bl-ajru tal-Komunità,

azzjoni xierqa tista' tittieħed biex tirrimedja s-sitwazzjoni għar-rigward ta' l-ajruport jew ajruporti interessati, inkluża s-sospensjoni kollha jew parzjali ta' l-obbligazzjonijiet ta' dan ir-Regolament għar-rigward ta' trasportaturi bl-ajru ta' dak il-pajjiż mhux membru, bi qbil mal-liġi tal-Komunità.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Jannar 1993.

2. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'xi diffikultajiet serji li jkunu ltaqgħu magħhom, fil-liġi jew fil-fatt, minn trasportaturi bl-ajru tal-Komunità sabiex jakkwistaw *slots* f'ajruporti ta' pajjiżi mhux membri.

L-Artikolu 13

Rapport u kooperazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill dwar l-operat ta' dan ir-Regolament tliet snin wara d-dħul tiegħu fis-seħħ. Dan ir-rapport għandu jkollu *inter alia* l-elementi li ġejjin:

- (a) l-istruttura ta' l-industrija tal-linja ta' l-ajru;
- (b) il-progress magħmul mill-industrija fit-tnaqqis tan-nuqqas ta' użu ta' *slots*;
- (ċ) il-kobor tal-ġemgħa ta' *slots*, kif iddefinita fl-Artikolu 10(1), kull staġun f'ajruporti magħżula;
- (d) il-volum ta' applikazzjonijiet mhux aċċettati għal *slots* kull staġun f'ajruporti magħżula;
- (e) in-numru ta' applikanti għodda li japplikaw għal *slots* kull staġun f'ajruporti magħżula;
- (f) l-użu ta' proċeduri ta' kontenzzjoni stabbiliti skond it-termini ta' l-Artikolu 8.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari għar-rigward tal-ġbir ta' l-informazzjoni għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 14

Ir-reviżjoni

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-kontinwazzjoni jew ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament sa l-1 ta' Lulju 1997, abbażi ta' proposta mingħand il-Kummissjoni li għandha ssir sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1996.

L-Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kunsill

Il-President

T. PEDERSEN